MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 1289/2010

**Mary Cauchi u zewgha Andrew Cauchi**
**I.D. 475156(M) u I.D. 406458(M)**

**vs**

**Justin Brian Perry u martu Louisa Perry**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuti l-hlas tas-somma ta’ elf tlitt mija u disa’ Ewro u tmien centezmi (€1,309.08), liema somma tipprezenta hlas ta’ kontijiet tad-dawl u tal-ilma li huma dovuti mill-konvenuti lill-atturi ai termini ta’ ftehim ta’ kera datat 15 ta’ April, 2008. L-ammont mitlub ghadu dovut mill-konvenuti lill-atturi.

Illi l- konvenuti baqghu inadempjenti minkejja li gew interpellati sabiex ihallsu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kontestwalment prezentat, u bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li minn issa gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gewt debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ elf tlitt mija u disa’ Ewro u tmien centezmi (€1,309.08), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------